**Ix-xitan sexy**

La qiegħed fil-venja ħawwad!
Hemm fil-moħbi min se jarak?
L-aqwa li ssir sultan ċkejken
Ħallieha lil min tagħmlu frak.

Israq, xaħħam, isa ħaffef
Malajr il-mewt tiġi għalik,
Imbagħad x'ħa tieħu l'hemm miegħek?
Baħnan! Ġid bir-rimi nagħtik!

Fil-ħajja xejn ma jsir għalxejn
Biex inħaxximlek dawk bwietek,
Tini ħajtek, b'ruħek magħha
U hekk kemm ngħinek f'mixjietek!

Agħmel bħali u kemm timxi
Ikollok li jogħġbok w li trid,
Tagħtix każ lil ta' madwarek
Ġid għal ħajtek int wisq iżżid!

Użа dejjem l-arma tiegħi
kun seduċenti, sess bl-addoċċ,
Tasal fejn tkun tixtieq qalbek
Ħassar minn moħħok kull appoġġ!

Naqra ma' dik, mbagħad mal-oħra
Imbagħad ukoll jekk trid fi grupp,
Int ħu gost, ħajtek qasira
Tħabbilx rasek minn dawk il-qlub!

Qed narak kif sfajt imkisser
Qalbek tferfer b'ħafna tferfir,
Għax dawk li jagħmluha miegħi
Malajr isibu qiegħ il-bir.

Għax jien l-ewwel nwegħdhom kollox
U naħkimhom taħt idejja,
U ngħaddilhom il-velenu
Ħa jibqgħu lejali lejja.

F'idejk l-għażla sieħbi, sieħba
Għedtlek x'għandi f'tiegħi l-intern,
F'din id-dinja nagħtik kollox
Wara għix miegħi ġol-infern.

Ngħidilhom li Alla żgur li
Mhux ħa jaħfrilhom qatt u qatt,

Tmorrux tqerru, għall-quddiesa
Agħmlu bħalma jagħmel kulħadd!

Intom każ tassew mpossibbli
Tibqgħu l-istess, kollox għalxejn,
Dabbru raskom minn ġol-Knisja
Ħela ta' ħin hemmhekk! Għalfejn?

Qed nara s-salib quddiemi!
Qed inħoss l-ilma mbierek,
Qed nisma' dak ir-Rużarju
U l-poplu qed jixxierek!

Għall-quddiesa tant qaddisa
Fejn Alla jerġa' isir bniedem,
Ħa nitlaq għax qed tant nħossni
Nifga, ħa naħrab w nitbiegħed.

M'għandkomx għalfejn iġġibuni
Impinġi kbir fuq xi jersy,
Tintebħu bija f'dal-ħażen
Jisimni: ix-xitan sexy!

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Diċembru 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.